KLR 25/VIII/2021

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tnejn, 9 t'Awwissu 2021 fil-17:00.

PREŻENTI: Is-Sindku Josef Schembri, il-Viċi Sindku Brian Azzopardi, il-membri Michel Buttigieg, Charlie Hili u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI: il-membri Joseph Debrincat, Marcell Tabone u Maria Portelli.

**25.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**25.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku għarraf lill-membri li:-

25.2.1 rigward it-triq minn San Ġakbu sa Pjazza Savina li saret permezz tal-fondi tal-*ERDF 249: Setting an Integral, Archaeological and Historical Trail in Victoria,* il-Kunsill bagħat ir-risposta tiegħu lill-Planning & Priorities Coordination Division (PPCD) permezz tal-Avukat tal-Kunsill. Il-Kunsill għarraf lill-PPCD li l-Kunsill għandu bżonn urġenti li jibdel din il-parti tat-triq li taqa taħt it-TEN-T Network tal-gżejjer Maltin għall-numru validu ta' raġunijiet u mhux xieraq li l-Kunsill jistenna sat-22 ta' Ġunju 2022 biex ikun jista' jagħmel dan. L-Avukat resqet dawn ir-raġunjiet:-

- it-tip ta' pavimentar jirrikjedi manteniment kostanti fejn trid tinżamm it-triq magħluqa għal diversi ġranet kull darba li ssir it-tiswija;
- jekk tingħata t-tarmak minflok il-pavimentar eżistenti, it-triq tingħalaq biss għall-ħmistax u ma jkunx hemm bżonn ta' manteniment kostanti;
- billi l-Kunsill hu responsabbli mis-sigurta' tal-wiċċ tat-triq, it-tarmak hu l-iktar sigur u li jirrikjedi l-inqas manteniment;
- l-pavimentar eżistenti mhux popolari meta tqis li din hi l-aktar triq li minnha jgħaddu l-pedonali u traffiku normali u tqil. Meta ġie mniehdi dan il-proġett, il-Kunsill ma kellu ebda' *feedback* li dan mhux ser ikun fattibli.

Il-membri ġew mgħarrfa li l-Kunsill irċieva r-risposta tal-Managing Authority (MA) li qalet li l-Kunsill jista' jipproċedi bil-kisi mill-ġdid ta' din it-triq. L-MA innutat li qabel u waqt li kien qed isir il-proġett dawn il-punti setgħu ġew evitati meta tikkunsidra li l-Kunsill hu responsabbli mis-sigurta' tat-triq. L-MA ma tistax tiggarantixxi li l-quddiem ma jkunx hemm riperkussjonijiet jekk il-proġett jiġi assessjat minn terzi;

25.2.3 Ir-Reġjun Għawdex fejn ser jagħti kotba lill-Librerija Pubblika ta' Pjazza San Franġisk;

25.2.4 PA 03000/19 – *Proposed junction improvement and road widening to extisting road and construction of schemed road, site at Triq il-Kapuċċini, Triq ir-Rabat, Triq Patri Ġiaċintu Camenżuli, Triq Ġorġ Pisani, Triq Viani, Victoria, Xagħra, Triq Marsalforn, Żebbuġ (Gozo).* Il-membri jaqblu ma dan il-proġett peress li din it-triq hi bżonjuża sabiex jitnaqqas drastikament it-traffiku miċ-ċentru tar-Rabat;

25.2.5 ser tiġi sottomessa l-applikazzjoni taħt l-iSkema Reġjonali - Kultura Għawdex 2021 li niegħda r-Reġjun Għawdex.

**25.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-kunsillieri**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

25.3.1 l-Environment and Resource Authority (ERA) rigward il-provediment ta' *bring in sites* fil-lokalita'. Il-membri qablu li jittieħed parir legali minħabba li kull fejn jiżdiedu l-*bring-in sites* dejjem tinħoloq problema ta' rimi ta' skart illegali.

25.3.2 George Mercieca miċ-*Cittadella Administration Office, Cultural Heritage Directorate* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Qed tiġi proposta li ssir Wirja Viżiva 'On the Road' li ser tkun tiffoka fuq kull lokalita' f'Għawdex. Il-Kunsill intalab li jressaq postijiet ta' nteress li jixtieq li jkunu nklużi f'din il-wirja. Ma kull post irid ikun hemm spjega qasira. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jipparteċipa.

**25.4 '*New Energy efficent lighting system for St George's Square and the old streets within the City Centre in Victoria, Gozo.*' LCF/16/2020 – *update***

Inħarġet it-tieni offerta u din tagħlaq it-Tlieta 31 t'Awwissu 2021.

**25.5 Restawr tal-istatwi taz-zuntier tal-Kunvent ta' Santu Wistin u San Ġorġ tal-Ħaġar.**

Il-membri qablu li x-xogħol għandu jsir minn Stefano Sferrazzo li tefa' l-unika offerta u wara intalab jipprovdi l-liċenzja li għandu mill-Italja.

**25.6 Piċċ tal-Boċċi, Triq it-Tabib Anton Tabone**

Tressqet korrispondenza mingħand Vicky Xuereb, Direttur Ġenerali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fejn qed titlob li l-Kunsill jirrilaxxa t-titlu tad-devoluzzjoni li għandu fuq il-piċċ tal-boċċi ta' Triq it-Tabib Anton Tabone. Il-Ministeru għal Għawdex ser jirranġa dan il-piċċ u ntbagħtu l-pjanti tal-proposta. Dawn jinkludu *store* għall-użu tal-Kunsill. Il-membri qablu li tiġi rilaxxata d-devoluzzjoni tas-sit.

**25.7 Tarmak – Triq Sir Arturo Mercieca**

Fil-laqgħa li l-membri tal-Kunsill kellhom mal-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Clint Camilleri, nhar il-Ħamis, 22 ta' Lulju 2021, ġie maqbul li l-fondi li kienu ġew allokati għal Triq Ġorġ Pisani jiġu allokati għal Triq Sir Arturo Mercieca li tinsab fi stat ħażin. Triq Ġorġ Pisani ser tinbena minn naħħa tal-Gvern Ċentrali. L-entitajtiet u l-korporazzjonijiet konċernati ġew infurmati sabiex jaraw jekk hemmx bżonn jinbidlu s-servizzi tagħhom fi Triq Sir Arturo Mercieca. Sadanittant, il-Perit qed iħejji d-dokumenti sabiex tinħareġ l-offerta

**25.8 Rimi ta' Skart illegali f'Taċ-Ċawla H.E.**

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni fuq ir-rimi llegali ta' skart li qed ikun hemm fil-*housing estate* taċ-Ċawla. Din il-problema ilha għaddejja ġimgħat sħaħ u qed tiġi solvuta temporanjament bil-kollaborazzjoni tad-Direttur ta' Eko Għawdex. Saret ukoll laqgħa mar-rappreżentant tal-LESA fejn ġie konkluż li l-aħjar soluzzjoni tista' tkun it-tqegħid ta' *CCTV cameras* fejn jiġu mmonitorjati mill-LESA stess mingħajr spejjeż għall-Kunsill. Din is-sistema diġa' titħaddem f'Kunsilli oħra. Il-membri qablu li jsiru l-*cameras* f'taċ-Ċawla H.E. u anke' fi Triq Ġużeppi Spiteri fejn qed ikun hemm l-istess problema. Għandha tinħareġ l-offerta għal dan ix-xogħol.

**25.9 Immaniġjar tat-traffiku**

*25.9.1 Transport Malta* (TM) approvat parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' ta' Carmel Merieca, 99, Triq Fortunato Mizzi.

TM ma' laqgħetx talba għall-:-

25.9.2 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' ta' Doreen Sacco, 47, Triq id-Dejqa;

25.9.3 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' ta' Pauline Xerri, 18, *Govt. Housing Estate*, Triq it-Tabib Anton Tabone;

25.9.4 *un/laoding bay* fi Pjazza Indipendenza minflok kaxxa riservata għat-*taxis* mill-05:00 'il quddiem. Dan peress li diġa' hemm *area* u ħin allokat għall-*un/loading*.

Korrispondenza relatata mat-traffiku

25.9.5 Dwar l-installazzjoni tal-*bike racks*, TM għarrfet lill-membri li ma tistax taċċetta li jsiru *bike racks* fil-*bus terminus*. Il-Kunsill intalab li jissuġġerixxi post alternattiv qrib il-*bus terminus.* Sadanittant il-membri qablu li titpoġġa *bike rack* fi Pjazza Indipendenza fuq il-latrina tal-irġiel.

25.9.6 Rigward l-ispostament tal-*pedestrian crossing* li hemm fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II, il-membri qablu li jiġi suġġerit li din titressaq aktar lejn Ta' Pinu fejn m'hemmx bini. Dan peress li fejn qedgħa l-*pedestrain crossing* fil-preżent qed jintalab permess ta' l-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex is-sit jinbena.

**25.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar t'Awwissu 2021 skond dokument A anness.

**25.11 Xogħlijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

25.11.1 tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur tat-tindif tat-toroq sabiex dan jimxi strettament mal-kundizzjniijiet speċifiċi tal-kuntratt;

25.11.2 tiddaħħal l-*epos machine* sabiex persuni li jinqdew mis-servizzi li joffri l-Kunsill, ikunu jistgħu iħallsu bil-*card* minflok bil-flus kontanti;

25.11.3 jinxtraw erba' bankijiet għal taċ-Ċawla H.E. biex jinbidlu dawk li kien hemm quddiem blokk B. Inġabru stejjem u ser jinxtraw il-bankijiet l-aktar addattati għal-post;

25.11.4 fi Triq il-Lunzjata jsiru żewġ bozoz peress li biex issir bozza waħda xorta trid titqatta trinka.

**25.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fis-18:15 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Settembru, fil-17:00.

Josef Schembri
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv